

Għaqda Mużikali RE GEORGE V
Programm b'tifkira tal-Ġublew

# 1910 – 1985

u
Tal-Festi solenni li jsiru fil-Parroċċa
Ta' l-Imqabba f'ġieħ

# SANTA MARIJA

Patruna tar-raħal
Mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu 1985

KING GEORGE V.B. CLUB
MQABBA - 1910

# KING GEORGE V BAND CLUB
# MQABBA

## KUMITAT 1985

**PRESIDENT**
Joe Farrugia

**VIĊI PRESIDENT**
Peter Psaila

**SEGRETARJU**
Reno Sciberras

**ASS. SEGRETARJU**
Carmel Ellul

**KAXXIER**
Carmel Briffa

**ASS. KAXXIER**
Innoċent Farrugia

**MEMBRI**
Joseph Camilleri; Paul Gauci; John Galea

**DIRETTUR SPIRITWALI**
Patri Joseph Ghigo S.J.

**DIRETTUR TAL-BANDA**
Mro. George Martin A.Mus. L.C.M., O.S.T.J.

**ASS. DIRETTUR TAL-BANDA**
Leonard Farrugia u Anthony Camilleri

**DELEGATI TAL-BANDA**
John Galea u Anthony Camilleri

**DELEGATI TAN-NAR**
Reno Sciberras u Joseph Camilleri

# KUMITAT DIRETTIV 1985



**QUDDIEM, MIX-XELLUG GĦALL-LEMIN:** Is-Sinjuri John Galea, Reno Sciberras, Joe Farrugia, Carmel Briffa u Paul Gauci.

**WARA:** Is-Sinjuri Joseph Camilleri, Carmel Ellul, Peter Psaila u Inncent Farrugia.

**XTRAJT CASSETTE B'SETT TA' MARĊI BRIJUŻI MILL-AQWA TAL-BANDA KING GEORGÉ V**

FESTA SANTA MARIJA MQABBA




**SIDE A**

75th Anniversary .. Mro. George Martin
Ritienne ..................... Leonard Farrugia
In Parish Square . Mro. Jos. M. Barbara
Sandro ..................... Leonard Farrugia
Marija n-Nassarija .. Maj. Ant. Aquilina

**SIDE B**

Mariana ............... Mro. Orazio Cachia
Occhiverdi ............ Anthony Camilleri
Festa Kbira ....... Mro. Micheal Ciantar
Nisa Ljuni ........... Mro. George Martin
Maria Assunta –
Innu Marċ .............. Leonard Farrugia

*SURMAST DIRETTUR –*
MRO. G. MARTIN A. Mus. L.C.M.

Irrekordjat mid-Dina Botta
Mitbugħa Perseo Press – Valletta, Malta.
Copyright All rights reserved.

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN



"Tħossokx qed tagħżaq fl-ilma, Kappillan?", qalli wieħed. U jiena weġibtu, "Aktar jinteressani nkun naf kif tħossha l-Madonna wara kull festa."

U ħaġa tal-iskantament kif titkellem ma' min titkellem kollha jgħidulek l-istess kliem, cioè li festi tagħna, interni u esterni, jservu b'ħafna ħidma u impenn speċjali f'ġieħ il-qaddisin u għall-glorja t'Alla. Kollha jemmu li l-festi għandhom iservu biex iżommu ħajja r-reliġjon Nisranija u biex aħna l-Insara ngħixu din ir-reliġjon f'għaqda ta' mħabba sinċiera u fi spirtu tassew Nisrani.

Ma' dan jiena naqbel perfettament, għaliex kull festa reliġjuża għandha mira waħda: li tgħin lill-fidili jaslu għand Alla. Il-mezzi huma biċċa reliġjużi u għalhekk jgħollu l-moħħ tagħna lejn Alla direttament, u oħrajn ċivili, li suppost jgħinu biex tikber l-għaqda fil-familja – u allura fil-parroċċa – Nisranija.

Dan ifisser li kull 'feles' li jidħol fil-qasam reliġjuż jew fil-qasam ċivili biex iġib il-firda u jiddistruġġi l-għaqda, huwa opra ta' wlied id-dlam u qatt ma' jista' jkollu l-barka la tal-Knisja u anqas tas-soċjetà Maltija.

Fi kliem ieħor, minn jinqeda b'xi festa reliġjuża biex jiżgwida lill-fidili, jkun qed jagħmel l-opra tax-xitan.

Mela ħuti Mqabbin, ejew bis-serjetà ngħinu rwieħna biex ninfatmu minn dak kollu li jweġġa', li jifrod, li jnissel għira u mibgħeda.

Ejjew bis-serjetà ngħamlu festa lill-Madonna li tgħamilna wlied denji tagħHa biex Hi stess tkun tista' tgħidilna 'Hadt gost bil-festa li għamiltuli. Komplu aħdmu ħalli l-frott tagħkom jidher u jibqa'. Twarrbu qatt lil IBNI, imma fittxuh dejjem fis-Sagramenti Mqaddsa."

Jekk naslu għal dan, ħadd ma' jħossu qed jagħżaq fl-ilma.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

**Fr. Willie**

# IL-KELMA TAL-PRESIDENT



Għeżież Partitarji,

Hu pjaċir tiegħi li għal darb'oħra, l-festa ta' Santa Marija reġgħet waslet. Kemm tkun ħaġa sabiħa u tajba li aħna ngħixu s-sena kollha fl-istess armonija u ħbiberija li ngħaddu flimkien f'dawn il-ġranet tant ferrieħa. Ma narax għaliex li jekk inneħħu l-preġudizzji u s-suspetti li kull tant ikollna għal xulxin u nimtlew bil-fiduċja wieħed għall-ieħor. Aħna lkoll nieħdu pjaċir bil-festa imma żgur li kulħadd ħasbilna għal dan b'xogħol u taħbil il-moħħ u anki b'interess tal-but. Nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat tiegħi li tant jaħdem biex wasalna sa hawn.

Anki din is-sena hu l-pjaċir tal-Kumitat li jagħti lil ħbieb partitarji Mqabbin programm imżewwaq li jogħġob lil kulħadd.

Mhux ser noqgħod insemmi lil dak u lill-ieħor, iżda nixtieq nirringrazzja lil kull min ħadem u qiegħed jaħdem biex il-festa dejjem tkun ta' suċċess akbar.

Nawguralkom divertiment allegru u onest!
Grazzi.

**Joe Farrugia**
President

# MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU



Għeżież Membri u Partitarji,

Waqt li nagħtikom merħba, nixtieq inwassal lilkom u l-familji tagħkom l-awguri tiegħi għall-fesṭa tant għażiża u maħbuba għalina, l-festa ta' Santa Marija.

Bil-għajnuna t'Alla reġgħet għaddiet sena oħra u għalhekk bilfors wieħed iħoss dak il-ferħ għaliex waslet il-festa tat-Titular u l-Padruna ta' l-Imqabbin: It-Tlugħ ta' Ommna Marija fis-Sema.

Il-festa ta' kull sena tirrikjedi ħafna xogħol, bħal ngħidu aħna, armar, logħob tan-nar u fost l-oħrajn kunċerti tal-Banda u ħafna preparamenti oħra. Biex issir il-festa ma nistax ma nsemmix il-finanzi neċessarji li jkollha bżonn sena wara l-oħra u li dawn dejjem żdiedu, u ta' dan grazzi tal-koperazzjoni tas-soċi u benefatturi tas-soċjetà. Ħafna ammiraturi tas-soċjetà spiss jesprimu l-idejat tagħhom mal-membri tal-kumitat sabiex dejjem inkabbru l-festa ta' Santa Marija kif jixraq.

Ma nistax ma nsemmix il-Banda li ta' kull sena tferraħ lill-poplu Mqabbi bil-programmi u marċi sbieħ tagħha. U la qiegħed insemmi l-Banda, ma nistax ma nifraħx minn qalbi lis-Surmast Direttur Kav. George Martin A.Mus. L.C.M., O.S.T.J., kif ukoll liż-żewġ Assistenti Diretturi tal-Banda Leonard Farrugia u Twanny Camilleri li tant qed iħabirku sabiex il-banda tikber u timxi 'l quddiem. Prosit tassew ħaqqhom tar-'Recording' eċċellenti tal-'cassette' tal-marċi ġodda li saru b'suċċess għand Boffa Studios.

Din is-sena s-soċjetà tagħna qed tfakkar il-75 Anniversarju mit-twaqqif tagħha 1910 – 1985. Aħna nawguraw li kif is-soċjetà baqgħet miexja 'l quddiem tul dawn l-aħħar 75 sena hekk ukoll tibqa' miexja 'l quddiem fis-snin li ġejjin.

Insemmi lid-dilettanti tan-nar, li ta' kull sena bis-sagrifiċċju tagħhom ikomplu jkabbru u jsebbħu l-Festa ta' Santa Marija bil-logħob tan-nar li jagħmlu. Bħalma jaf kulħadd l-ispiża sabiex jinħadem in-nar għall-festa dejjem kienet waħda kbira. Għalhekk nagħmel appell sabiex l-għajnuna finanzjarja ma tonqosx ħalli l-festa tagħna tibqa' dejjem tikber.

Niftakru wkoll fit-Talb tagħna f'dawk ħutna u ħbiebna li s-sena l-oħra gawdew il-festa magħna izda llum m'għadhomx magħna għaliex il-Ħallieq għoġbu jsejħilhom għal għandu sabiex igawdu Lilu u lil Ommna Marija fis-sema.

Irrid issa nistedinkom biex bħalma dejjem kontu devoti ta' l-Assunta, din is-sena wkoll tiċċelebraw bil-kbir sew il-festi esterni kif ukoll dawk interni.

Dan huwa l-isbaħ avveniment fil-ħajja tal-Madonna. Ħudu parti attiva u attendu għall-marċi brijjużi li jsiru sew fit-tridijiet kif ukoll fil-ġranet tal-festa. Ħudu gost fil-festa li aħna niċċelebraw fir-raħal tagħna.

Jiena ċert li bħalma dejjem kontu ta' eżempju tajjeb fi snin l-imgħoddija, tkunu wkoll din is-sena ħalli naraw li kull ma nagħmlu nagħmluh għall-unur ta' Marija Mtella' s-Sema.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

**VIVA S-SOĊJETÀ RE ĠORĠ V.**

**VIVA SANTA MARIJA.**

**Reno Sciberras**

Segretarju

# APPELL MILL-KAXXIER



Reġgħet waslet il-festa ta' Santa Marija, li din is-sena taħbat mal-għeluq il-Ħamsa u Sebgħin Sena mit-Twaqqif tas-Soċjetà ***Re Ġorġ V***. Għalhekk il-Kumitat ħaseb biex jiċċelebra din l-okkażżjoni kif jixraq u ħejja programm ta' attivitajiet.

Mill-bidu tagħha mill-1910 din is-Soċjetà ma naqsetx mill-ħolma tagħha li barra t-tagħlim mużikali u rikrejattiv iddevertiet lill-partitarji u l-Mqabbin bi programmi, marċi brijużi u attivitajiet oħra fil-Każin. Minn sena għall-oħra din is-Soċjetà baqgħet dejjem tikber bl-appoġġ tal-membri u l-partitarji li dejjem wieġbu għas-sejħa li jagħmel il-Kumitat.

Wara li s-sena l-oħra tajna dehra ġdida lis-sala tal-Billiards, din is-sena kien imiss lil Kamra tal-Kumitat. Ġiet ir-restawrata l-pittura tas-saqaf li kienet saret fl-1935. Barra minn hekk ingħata bidu għal bini tal-maħżen sabiex fih jintrefa' parti mill-armar tal-festa u għall-bżonnijiet tal-Każin.

Naturalment dan ix-xogħol sar u qiegħed isir bil-għajnuna tal-partitarji kemm irġiel kif ukoll nisa u ta' dan aħna nirringrazzjaw u fl-istess ħin nitolbuhom ikomplu jkunu ġenerużi magħna biex inkomplu immexxu s-Soċjetà Filarmonika ***Re Ġorġ V*** l-quddiem bil-għan li minn sena għal oħra niċċelebraw il-festa tat-Titular u Patruna tal-Mqabbin – **It-Tlugħ ta' Ommna Marija fis-Sema**.

Nagħlaq billi nappella lil kulħadd speċjalment lil partitarji sabiex fl-arbular tal-festa jkunu ġenerużi ħalli bħas-snin ta' qabel, ikollna festa sabiħa li titgawda u togħġob lil kulħadd speċjalment li tixraq lil Santa Marija.

Nagħti l-**FESTA T-TAJBA** lilkom u lil-familjari tagħkom kollha.

**Carmel Briffa**
Kaxxier

# IL-FESTA REĠĠĦET MAGĦNA



Malli dan il-programm jiġi f'idejk, il-Festa ta' Santa Marija tkun fil-qrib. . . . Imma xi wħud ma għandhomx bżonn il-programm biex ifakkarhielhom għax ċerti affarijiet trid aktar żmien biex tlestihom għall-Festa . . . ix-xiri u l-ħjata tal-ħwejjeġ, it-tibjid tad-dar, iż-żebgħa ta' l-armar, il-kuntatti mal-baned u ma' l-orkestra, il-preparazzjoni tal-murtali u tan-nar ta' l-art. Dan kollu juri l-importanza tal-Festa fil-ħajja tar-raħal tagħna stess.

Imma huma kemm huma importanti dawn il-preparazzjonijiet kollha, tajjeb li niftakru dak li darba qal Sidna Ġesù Kristu meta kien igħix fostna: "Ħaġa waħda hi meħtieġa. U Marija għażlet l-aħjar sehem li ma jitteħdiliex." Dan il-kliem Ġesù qalu għal Marija, oħt Marta u Lażżru, meta Ġesù kien mistieden għall-ikel għandhom u Marija qagħdet f'riġlejn il-Mulej tisimgħu x'kien qiegħed igħid. Tistgħu taħsbu kif saret Marta, moħħha fuq il-ħafna xogħol tad-dar, u għalhekk marret tgerger fuq oħtha ma' Ġesù li ħarġilha bil-kliem li semmejna! (Luqa 10:42).

Il-kliem ta' Ġesù igħodd għalina wkoll, għal kull wieħed u kull waħda minnha. Ġesù jaf tajjeb kemm għandna x'nagħmlu, imma daqshekk ieħor jixtieqna nagħtu l-akbar importanza lil dak li jiġi l-ewwel u qabel kollox. . . . Għalhekk l-akbar importanza jmissna nagħtuha lil dak li jixtieq Ġesù u li tixtiequ wkoll Ommu Marija! Tajjeb ħafna li tiġi l-Festa tagħha, kull sena, imma din il-Festa jmissha tħalli xi ħaġa fina stess . . li kull wieħed u kull waħda minnha nsiru nixbħu xi ftit aktar lil Ġesù u lil Marija! Dan il-progress fir-ruħ u l-qalb jiswa ħafna anke għal kull min igħix madwarna.

Akbar ma toqrob il-Festa ta' Santa Marija, faċilment niftakru f'xi wħud li dis-sena m'humiex se jgawduha magħna. . . . Jekk siefru, tajjeb li nibagħtulhom xi ittra. Jekk siefru mnejn ma jerġgħux lura, jixraq li nitolbu għalihom, bħalma jixraq ukoll nitolbu għal dawk kollha li matul ħajjithom tħabtu u stinkaw biex għamlu l-Festa ta' Santa Marija kif nafuha. Fost dawn il-benefatturi tal-Festa ngħodd lil missieri, imma int li qiegħed taqra żgur li għandek lil xi ħadd ukoll jiġi minnek. "Agħtihom, Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem u żomm idejk fuqna u fuq pajjiżna matul ħajjitna."

**J.M. Ghigo S.J.**
Direttur Spiritwali

# SANTA MARIJA TAL-PJAZZA F'EGĦLUQ IL-ĦAMSA U GĦOXRIN SENA



Kien id-9 ta' April 1954 meta l-knisja tar-raħal tagħna ġarbet ħsarat kbar bil-bombi tal-gwerra. Inqerdu bosta affarijiet fil-knisja, fosthom il-koppla, il-kappellun tal-Kor, u dak tal-Agunija, l-Artal Maġġur u ħafna mill-affarijiet tat-tiżjin tal-knisja fil-jiem tal-festi, flimkien ma l-istatwa tal-ġebel ta' Santa Marija li kienet tinsab fil-pjazza fil-post fejn hemm l-istatwa tal-Assunta li wieħed jista' jara llum.

Għadda xi ftit taż-żmien, u bejn li kienet għada sejra l-gwerra, u bejn li kien hemm ix-xogħol tal-bini mill-ġdid tal-Knisja, ftit li xejn intwera interess li tiġi magħmula statwa oħra ta' Santa Marija minn flokha. Fl-aħħar inqala Benefattur, i ndaħal għal dan ix-xogħol waħdu. Dan il-Benefattur kien is-Sur Spiridione Schembri. Hu ħa ħsieb għall-ispejjes ta' din l-istatwa kif ukoll għat-taħbit u l-ġiri.

Wara li kellem lill-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Ġerald Mangion, saru xi kuntatti ma' l-Awtoritajiet Ċivili u Ekkleżjastiċi sabiex l-istatwa l-ġdida ta' l-Assunta tkun tista' ssir u titqiegħed fl-istess post fejn kien hemm l-istatwa l-qadima. Hekk kif waslu l-permessi meħtieġa s-Sur Schembri avviċina lill-iskultur Marco Montebello li kellu jaħdem l-istatwa ta' Marija Assunta.

Bit-taħbit tal-imsemmi Benefattur u a spejjes tiegħu, din l-opra artistika fl-aħħar tlestiet u l-istatwa ġiet imtellgħa f'postha nhar it-2 ta' Ġunju, 1960 u ġiet imbierka mill-Kappillan, Dun Ġerald Mangion.

L-Awtorità tal-Knisja tagħat Indulġenza Parzjali lil kull min jgħid **Salve Regina** quddiem din l-istatwa.

Lapida ta' rħam imwaħħla fuq wara tal-pedestall iġġib dawn il-kelmet bil-Latin:

**SPIRIDION SCHEMBRI EREXIT**
**MCMLX**




Ritratt tal-Lapida kommemorattiva li kienet saret fl-1960 b'tifkira tal-gheluq il-ħamsin sena mit-twaqqif Tas-Soċjetà King George V.



Ritratt tal-pittura tas-saqaf tal-kamra tal-Kumitat li kienet saret fl-1935 u dis-sena, f'Egħluq il-Ħamsin Sena minn mindu saret, ġiet restawrata mis-Sur Rosario Zammit.

# EGĦLUQ IL-ĦAMSA U SEBGĦIN SENA MIT-TWAQQIF TAS-SOĊJETÀ *KING GEORGE V*

Mill-ftit dokumenti li hemm jiġru l-hawn u l-hinn wieħed malajr jinduna li l-Imqabbin, għalkemm joqogħdu f'raħal żgħir, kellhom l-ambizzjoni tagħhom u l-imħabba għall-kultura.

Għall-ħabta tal-1887 twaqqfet l-ewwel banda fl-Imqabba b'surmast direttur Edoardo Farina. Iżda minkejja l-isforzi tas-sur Mikiel Zammit li kien qiegħed jitgħallem il-mużika u l-klarinett għand l-istess Surmast biex il-banda ma tisfrattax, din mietet ħesrem.

Fl-1905 twaqqaf il-Każin Soċjali Santa Marija bi President is-Sur Pawl Caruana. Fl-1910, b'tifkira tal-inkoronazzjoni tar-Re Ġorġ V u l-festi kbar li saru f'Malta għal din l-okkażżjoni, fl-laqgħa ġenerali tas-Soċjetà nqata' li jinbidel l-isem tas-Soċjetà ***Santa Marija*** f'dak ta' ***King George the Fifth***.

L-iskopijiet ewlenin ta' dan il-Każin soċjali kienu u għadhom dawn li ġejjin: 1) biex is-soċi jsibu fejn iqattgħu siegħa flimkien; 2) Biex tiġi mgħallma l-mużika; 3) Biex jittieħed il-ħsieb u l-ħtieġa għall-festi esterni ta' Santa Marija, it-Titular tal-Parroċċa. Biż-żmien bl-għajnuna finanzjarja u t-tħabrik tal-Kumitat ta' dak iż-żmien, fit-23 ta' Jannar 1934 inxtara l-Każin u b'hekk żgurat ruħha l-ħajja tas-Soċjetà.

Fis-16 ta' Ottubru 1936, il-Gvernatur Sir Charles Bonham Carter għamel żjara uffiċjali lill-Każin. Matul il-gwerra tal-1939 – 1945, il-Każin serva ta' Uffiċċju tal-Gvern. Fl-1944, billi l-gwerra naqqset mill-qilla tagħha, twaqqfet daqsxejn ta' orkestra mis-surmastrijiet Charles Schembri L.R.C.M., Antonio Mamo L.R.C.M., Espedito Deguara A.L.C.M. u l-Professur Pawlu Carabott. L-ewwel programm immexxi minn Mro. Deguara sar ġor-raħal fit-12 ta' Awissu 1945. Din l-orkestra ġiet mibdula f'banda fl-1947 minn Mro. Giuseppe M. Barbara A.L.C.M. u l-ewwel programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. Barbara twettaq fid-29 ta' Marzu 1947.

Fis-6 ta' Ġunju 1948 Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi, illum mejjet, għoġbu jagħmel żjara lil dan il-Każin tal-Banda.

Fl-14 ta' Novembru 1948, f'laqgħa ġenerali tas-Soċjetà ġie deċiż li l-Każin jitkabbar u jissebaħ skond il-pjanta tas-Sur Ġużè D'Amato ta' Raħal Ġdid, arkitett li għamel il-pjanta tal-knisja kolossali tal-istess post fejn kien qed joqgħod. Ix-xogħol inbeda fit-12 ta' April 1949 u, bis-sagrifiċċji li llum ma jitwemmnux, u minkejja li t-tfixkil ma naqasx, is-suċċess inkiseb sentejn wara fit-13 ta' Mejju 1951.

Fis-sena 1950, sena mqaddsa bid-Domma tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna bir-ruħ u l-ġisem dikjarata mill-Papa Piju XII, il-festa ta' Santa Marija, patruna tal-Imqabbin għal iżjed minn tliet sekli, ġiet ċelebrata b'festi speċjali. Għal din l-okkażżjoni ġew mistiedna Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr. George Borg Olivier, il-Ministru tal-Ġustizzja Dr. Joseph Cassar, u l-Ministru tal-Kummerċ, Dr. Carmelo Caruana.

Fit-23 ta' Novembru 1951, Sir Gerald Creasy, Gvernatur ta' Malta, flimkien ma' Lady Creasy, għamlu żjara uffiċjali lir-raħal fejn ġew milqugħa b'merħba xierqa fil-Każin tal-Banda ***King George V***. Il-Gvernatur spiċċa d-diskors tiegħu b'dan il-kliem: "L-ikbar sodisfazzjon tiegħi huwa meta niltaqa' ma' Soċjetà żgħira fil-għadd u kbira fl-ispirtu bħalma hija din l-Għaqda."

F'Settembru tal-1960, għeluq il-Ħamsin sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Mużikali ***Re Ġorġ V***, saru festi speċjali biex jiġi mfakkar dan il-jum. Ġiet mikxufa Lapida għall-okkażjoni.

Min dak iż-żmien l-hawn sar ħafna xogħol u progress fil-Każin. Fl-1964 sar l-abbelliment tas-Sala u fl-1981 din l-istess Sala ingħatat dehra isbaħ billi ġiet restawrata u indurata bid-deheb. Fl-istess sena, jiġifieri fl-1981 inxtraw ukoll tliet linef kbar li komplew żejnu din is-Sala.

Fl-1981 f'egħluq il-ħamsa u għoxrin sena tas-Surmast il-Kav. Mro. George Martin, A.Mus., L.C.M., O.S.T.J. bħala direttur tal-Banda saru festi speċjali.

Din is-sena jaħbat il-Ħamsa u Sebgħin sena mit-Twaqqif tas-Soċjetà. Dan l-avveniment ser jiġi mfakkar nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju bi Programm Mużikali u kxif ta' Lapida Kommemorattiva.

## FESTI TA' ĠOL-KNISJA

**It-Tlieta, 30 ta' Lulju – FTUĦ TAL-KWINDIĊINA**

6.30 p.m. Quddiesa Kantata solenni, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ġimgħa, 9 ta' Awissu – ĦRUĠ TAL-ISTATWA**

7.30 p.m. Isir il-ħruġ tal-Istatwa ta' Santa Marija, Kant ta' l-Innu ***Ave Maris Stella*** u Antifona.

**Il-Ħadd, 11 ta' Awissu – L-EWWEL JUM TAT-TRIDU.**

6.30 p.m. Quddiesa Kantata mill-W.R. Mons. Carmel Bianco bl-Omelija **Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem.**

7.15 p.m. Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tnejn, 12 ta' Awissu – IT-TIENI TRIDU**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata mill-W.R. Mons. Bartolomeo Bezzina, bl-omelija **Marija, Sultana tas-Sema u l-Art.**

7.15 p.m. Bħal jum ta' qabel.

**It-Tlieta, 13 ta' Awissu – IT-TIELET TRIDU.**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Speċjali għal-Morda u l-Anzjani mill-W.R. Mons. Pawl Attard bl-Omelija **Marija Saħħa tal-Morda.** Fl-istess quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dlik tal-Morda.

7.45 p.m. Bħal jum ta' qabel.

**L-Erbgħa, 14 ta' Awissu – LEJLIET IL-FESTA.**

8.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-W.R. Dun Willie Vella, Kappillan tal-Parroċċa, Kant tat-Te Deum, Innu u Antifona.

6.30 p.m. Tranżulazzjoni Solenni tar-Relikwija mmexxija mill-W. Rev. Mons. Carmelo Sciberras, Quddiesa Solenni minn P. Joseph Ghigo, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ħamis, 15 ta' Awissu – JUM IL-FESTA.**

5.30 a.m. u 7.00 a.m. Quddies.

8.00 a.m. Kant solenni tal-Lawdi.

9.00 a.m. Konċelebrazzjoni solenni u Pontifikal immexxija mill-W.R. Mons. Carmelo Sciberras li jinseġ ukoll il-Paniġirku.

10.30 a.m., 11.30 a.m., 12.30 p.m. Quddies.

6.00 p.m. Sekondi Vespri solenni mill-istess Monsinjur, Salve u Litanija.

7.30 p.m. Proċessjoni bl-Istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa mmexxija mill-istess Monsinjur.

10.15 p.m. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B.: L-Erbgħa, lejliet il-Festa, filgħodu u filgħaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar.

Il-Mużika tat-Tridu, lejliet u nhar il-Festa, tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il W.R. Patri Salv Galea O.P., L.R.S.M.

**Il-Ħamis, 22 ta' Awissu – L-OTTAVA TAL-FESTA.**

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Repożizzjoni tar-Relikwija, Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## PROGRAMM



FESTA

STA. MARIJ

1985

ROGRAMM



FESTA

TA. MARIJA

1985

# FESTI ESTERNI

**It-Tlieta, 30 Ta' Lulju – FTUH TAL-KWINDIĊINA**

Fit-8.00 p.m. Mixgħela tal-Faccata tal-Knisja, Pjazza u tal-Każin King George V.

Fit-8.00 p.m. Programm Mużikali mill-Banda King George V bħala tifkira tal-Ħamsa u Sebgħin Sena mit-Twaqqif tas-Soċjetà ***King George V.***

Wara, Kxif ta' Lapida mill-President tar-Repubblika I-E.T. Agatha Barbara u Tberik mill-Arċisqof Ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca.

Wara riċeviment għal mistednin fis-Sala tal-Każin.

**FIL-ĠRANET TAL-KWINDIĊINA**

Filgħaxija żjarat lil ex-membri anzjani u morda minn uffiċjali tal-Kumitat. Jingħata rigal ta' tifkira.

**Il-Ġimgħa, 9 ta' Awissu – ĦRUĠ TAL-ISTATWA**

Fis-7.30 p.m. toħroġ l-istatwa artistika ta' Santa Marija fuq iz-zuntier. Wara li l-Banda King George V tilqa' l-istatwa bl-*Ave Marija* u Marċi Brijużi, tiftaħ il-festa billi tterraħ it-toroq prinċipali tar-raħal b'sett ta' marċi ġodda.

**Is-Sibt, 10 ta' Awissu**

Fit-8.00 p.m. Riċeviment għal membri u partitarji kollha fis-Sala tal-Każin.

**Il-Ħadd, 11 ta' Awissu – L-EWWEL TRIDU**

Fit-8.15 p.m. Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, King George V tagħmel marċi mat-toroq tar-raħal. Il-marċ jibda' minn Misraħ il-Fidwa.

**It-Tnejn, 12 ta' Awissu – IT-TIENI TRIDU**

Fit-8.15 p.m. Il-Banda Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar tterraħ it-toroq tar-raħal b'marċi briju̇żi. Il-marċ jibda minn Mill Street.

**It-Tlieta, 13 ta' Awissu – L-AĦĦAR TRIDU**

Fit-8.15 p.m. Il-Banda King George V tagħmel il-marċ tradizzjonali fost briju kbir tal-partitarji. Il-marċ jibda minn Parish Street.

**L-Erbgħa, 14 ta' Awissu – LEJLIET IL-FESTA**

Fis-7.30 p.m. Marċi mar-raħal mill-Banda Unjoni ta' Ħal-Luqa.

Fid-9.00 p.m. Marċi briju̇żi mill-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq.

**Il-Ħamis, 15 ta' Awissu – IL-ĠMID TA' L-ASSUNTA**

Fis-6.00 p.m. Il-Banda Queen Victoria u Unjoni jagħmlu marċi mar-raħal u wara jesegwixxu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

Fis-7.30 p.m. Toħroġ il-purċissjoni bl-Istatwa artistika ta' Santa Marija. Meta l-Istatwa tasal ħdejn il-Każin, il-Banda Queen Victoria ddoqq ***Innu lil Marija Assunta***, kitba ta' Patri J.M. Ghigo S.J. u mużika tas-Surmast Kav. George Martin A.Mus. LCM., O.S.T.J. Ikantaw it-Tenur Joe Huger LRSM., u l-Baritonu Joe Fenech mal-kor tax-xebbiet ta' l-istess Soċjetà.

# SETT TA' MARĊI ĠODDA
# LI SER JINDAQQU MILL-BANDA
# *KING GEORGE V*
# FIL-FESTA TA' SANTA MARIJA
# ĠEWWA L-IMQABBA

| Isem il-Marċ | Irregalat Minn | Surmast |
|---|---|---|
| In Parish Square | C. Ghigo | J.M. Barbara |
| Ritienne | J. Galea | L. Farrugia |
| Fireworks Group | M. Vassallo | A. Farrugia |
| Festa Kbira | P. Mifsud | M. Ciantar |
| 75th Anniversary | G. Martin | G. Martin |
| Lora | L. Galea | A. Mizzi |
| Sandro | L. Farrugia | L. Farrugia |
| Nisa Ljuni | G. Martin | G. Martin |
| Marija n-Naxxarija | J. Camilleri | A. Aquilina |
| Occhiverdi | A. Camilleri | A. Camilleri |
| Mariana | J. Galea | O. Cachia |
| Ferħanin | P. Zerafa | E. Bugeja |
| Maria Assunta – Innu Marċ | L. Farrugia | L. Farrugia |

## PROGRAMM MUŻIKALI

**It-Tlieta 30 ta' Lulju, 1985**
**ĊELEBRAZZJONI TAL-75 ANNIVERSARJU**
**TAS-SOĊJETÀ *KING GEORGE V***

| | | |
|---|---|---|
| Santa Cecilja | *Concert Overture* | **G. Martin** |
| Aida | *Grand Selection* | **G. Verdi** |
| Sound of Music | *Selection* | **R. Rogers** |
| Orpheus In Der Untervelt | *Selection* | **J. Offenback** |

**Mro. George Martin A.Mus. L.C.M., O.S.T.J.**
**Direttur**

### MARĊI FUQ CABLE RADIO 1

Dawn is-Sett ta' Marċi godda flimkien mal-Innu Marċ lil Maria Assunta għandhom jinstemgħu fuq Cable Radio 1 nhar il-Ħamis 15 ta' Awissu, 1985, nhar il-Festa, fl-10.15 ta' filgħodu.

Iddoqq il-Banda *King George V* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Kav. G. Martin A.Mus. L.C.M., O.S.T.J.

# TISLIMA LILL-BANDISTI ĠODDA

Din is-sena, b'entużjażmu u kuraġġ kbir is-Sur Leonard Farrugia, u s-Sur John Galea, Assistent Surmast u delegat tal-Banda rispettivament, taħt it-tmexxija għaqlija tal-maħbub Surmast tagħna, Chev. George Martin A.Mus., L.C.M., O.S.T.J. tħabtu kemm felħu sabiex din is-sena, sena dedikata liż-żgħażagħ u lill-Mużika, jirregalaw sebgħa bandisti ġodda lill-Banda tagħna. Is-Soċjetà tapprezza ħafna x-xogħol li sar u j'Alla żgħażagħ oħrajn jitħajru jitgħallmu strument tal-banda, għax barra milli hija xi ħaġa kulturali, tgħin sabiex il-Festa ta' Santa Marija tkompli tikber.



**BIL WIEQFA:** (Mix xellug għal-lemin): Adrian Zahra (Euphonium), Joseph Camilleri (Piatti), Godwin Zammit (Althorn).
**BIL-QIEGĦDA:** Angie Mifsud (Klarinett), Joseph Galea (Trumpet), Chev. George Martin A.Mus. L.C.M., O.S.T.J., Leonard Farrugia, Assistent Surmast, Reno Mifsud (Tamburro), u Maria Sciberras (Klarinett).

# SEHEM MILL-BANED MISTIEDNA
# IL-BANDA *MARIA MATER GRATIAE* - ŻABBAR

**IT-TNEJN 12 TA' AWISSU**

**SETT TA'-MARĊI**

| | |
|---|---|
| AGRIGENTO | A. COLEIRO |
| THREE COUSINS | UGO BUHAGIAR |
| JOSEPHINE | A. AQUILINA |
| JOYFUL DAY | A. COLEIRO |
| EVER BLUE | A. COLEIRO |
| TAL-BAQRA | A. PACE |
| LAWRENCE | UGO BUHAGIAR |
| LITTLE KEVIN | J.M. BARBARA |
| FERHANIN | E. BUGEJA |
| MARY ANN | A. COLEIRO |
| BLUE GRACE | F. ZAMMIT |
| *IL-BANDA TAL-GRAZZJA* – INNU MARĊ | UGO BUHAGIAR |

**Mro. Ugo Buhagiar**
**Direttur**

---

**L-ERBGHA U L-HAMIS 14 u 15 TA' AWISSU**

# IL-BANDA *UNJONI* - LUQA

**SETT TA' MARĊI**

| | |
|---|---|
| S. ANDRIJA 1985 | E. BUGEJA |
| 105th ANNIVERSARY | M. CIANTAR |
| MARIJA N-NAXXARIJA | A. AQUILINA |
| IVAN AND DAVID | E. COLE |
| VULCAN | D. DARMANIN |
| THE LADY FROM BARCELLONA | D. ABELA SCOLARO |
| DORJES | L. BONGAILAS |
| 30 TA' NOVEMBRU | CH. MIZZI |
| ĠEJJIN TAL-AJKLA | CH. ZAMMIT |
| IL-PEDESTALL IL-ĠDID | J. ZAMMIT |
| IL-HABRIEKI ĠANNI PSAILA | V. BORG |
| OXFORD LUQA | J. THEUMA |

# PROGRAMM MUIŻIKALI

| | |
|---|---|
| FANTASIA DIATONIKA OP.4 NO. 1 | CH. ZAMMIT |
| OVERTURE – CALIF OF BAGDAD | F.A. BOIELDIEUSE |
| SELECTION – CARMEN | G. BIZET |
| MARCIA SINFONIKA – ST. ANNE | CH. ZAMMIT |

INNU TAL-BANDA
INNU NAZZJONALI

**Ch. Zammit F.L.C.M., L.L.C.M.**
**Direttur**

# SEHEM MILL-BANED MISTIEDNA

## L-Erbgħa u l-Ħamis 14 u 15 ta' Awissu
## il-Banda *QUEEN VICTORIA* – Żurrieq

### SETT MARĊI

| | |
|---|---|
| CHAMPION BLUES | E. BUGEJA |
| FIREWORKS GROUP | A. FARRUGIA |
| 25 SENA SEGRETARJU | E. BUGEJA |
| FRANCES | C. SACCO |
| CHEZRENCO | E. BUGEJA |
| WARDA MISTERJUŻA | E. BUGEJA |
| BRITANNIA | E. BUGEJA |
| ĠAWHRA TAL-KARMELITANI | E. BUGEJA |
| EMANUEL'S ANNIVERSARY | A. FARRUGIA |
| FERHANIN | E. BUGEJA |
| MAGĦQUDIN FERHANIN – INNU MARĊ | E. BUGEJ |

### PROGRAMM MUŻIKALI

| | | |
|---|---|---|
| INNU | *Lil Santa Marija* | G. MARTIN |
| MARCIA | *Palermo* | MARCHETTI |
| OVERTURE | *French Comedy* | KĔLER BĔLA |
| SUITE | *Impressions of Seville* | SIMEONE |
| | *Egyptian Ballet* | LUIGINI |

Mro. E. Bugeja A.Mus. L.C.M.
Direttur

# ID-DOMMA TAL-ASSUNTA ĦAMSA U TLETIN SENA ILU

Din is-sena jaħbat il-ħamsa u tletin anniversarju tad-Domma tal-Assunta. Kien fl-1 ta' Novembru 1950 li l-Papa Piju XII solennement iddefinixxa t-Tlugħ ta' Marija SSma fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Id-dokument tal-Papa jagħti ħarsa lejn il-ġrajja tat-twemmin f'din il-verità matul iż-żminijiet l-imgħoddija sakemm jasal sa żmienna. Hawnhekk issibu biss silta li permess tagħha l-Papa ddikjara din il-verità bħala Domma tal-Fidi tagħna.

"Wara li tlabna bl-umiltà u ħafna drabi 'l Alla," jgħid il-Papa, "u wara li sejjaħna d-dawl tal-Ispirtu tas-Sewwa, għall-glorja t'Alla li jista' kollox, li xerred l-abbundanza speċjali tiegħu fuq il-Verġni Marija, għall-ġieħ ta' Ibnu, is-Sultan taż-żminijiet li ma jmutx u rebbieħ fuq id-dnub u l-mewt, għall-akbar glorja ta' Ommu, u għall-ferħ u l-hena tal-Knisja kollha, bl-awtorità tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, tal-Appostli Mqaddsa Pitru u Pawlu, u bl-awtorità tagħna nipproklamaw u niddefinixxu bħala Domma rivelata minn Alla li l-Immakulata Omm Alla, Marija dejjem Verġni, meta għalqilha ż-żmien tal-ħajja tagħha fuq l-art, kienet imtellgħa bil-ġisem u bir-ruħ fil-glorja tas-Sema.

"Għaldaqstant, jekk xi ħadd, allahares qatt, għax irid, jażżarda jiċħad jew iqiegħed fid-dubju dak li ddefinejna, ħa jkun jaf li jkun ċertament abbanduna l-Fidi Divina u Kattolika."

**D.A.V.**

# IL-*CONVOY* TA' *SANTA MARIJA*

Sa miż-żernieq ta' l-istorja 'l-poplu ta' dawn il-Gżejjer kien magħruf għall-imħabba qawwija li kienet tixgħel u tħeġġeġ ġo fih lejn it-Twemmin. L-Imqades tal-Ħaġar: ta' Ħaġar Qim, ta' l-Imnajdra u dawk ta' Ħal-Tarxien huma xhieda biżżejjed.

Mal-miġja ta' Pawlu ta' Tarsu, dak it-twemmin pagan inbidel f'dak tal-Fidi Mqaddsa. Missierna San Pawl ħalla bħala Patruna Prinċipali ta' dawn il-Gżejjer lil Santa Marija Assunta. Minn dak iż-żmien il-Maltin, matul il-ġrajjiet imqallba tagħhom qatt ma naqsu li jitolbu l-għajnuna ta' Santa Marija u Din dejjem semgħet u laqgħet ix-xewqa tagħhom. Kull meta l-Mislem ħabat għalina, il-pesta qerrieda żaritna; il-ġuħ u l-għaks ħakem fuqna; kienet Marija li dejjem ħelsitna.

Ġrajja li baqgħet minquxa b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' artna u li ħafna għadhom jiftakru kienet dik tal-*Convoy* hekk imsejjaħ ta' Santa Marija, ġrajja ta' qlubija u ta' tama li seħħet fl-aħħar Gwerra Dinjija.

L-għażiża Malta tagħna kienet tinsab fl-eqqel tat-Tieni Assedju Kbir tagħha. Il-ħbit mill-ajru kien bla waqfien; mijiet ta' ajruplani kienu ta' kuljum jiżgħiru fuqna xita ta' nar u ħadid. Kull fejn tħares ma kontx tilmaħ ħlief djar imġarrfa u ħerba. Il-poplu kien bil-kemm jitrejjaq u ikel kien għad fadal biss għal tmint ijiem. Ebda vapur bl-ikel ma sata' jidħol għax l-ajruplani Ġermaniżi, bħal isqra mġewħa, kienu jgħarqu qabel ma jasal.

Fl-10 ta' Mejju 1942, il-ħafif *Mine-layer* ***Welshman*** kien irnexxielu jiżgiċċa l-morsa tal-għadu u daħal b'tagħbija ta' munizzjoni għall-kanuni. Aktar tard dan kien kapaċi jwassal tgħabijiet żgħar ta' ikel. Darba fost l-oħrajn tgħabija patata għaż-żriegħ. Iżda dan il-ftit proviżjon ma kienx biżżejjed għall-poplu ta' kwart ta' miljun ruħ. Li kien jenħtieġ kien *Convoy* kbir mgħobbi bi kwantità kbira ta' ikel u munizzjon biex sata' jtaffi lil Malta mill-ġuħ u milli taqa' f'idejn l-għadu.

Kull fejn tħares ma kontx tilmaħ ħlief irġiel u nisa sfajrin, mgħalubin u mġewħin. Tfal jiddendlu ma' djul ommhom jittallbu biċċa ħobż. Ir-razzjon kien qed jiġi mnaqqas u ftit kien għad fadal żejt u faħam għad-dawl elettriku. Il-ftit qamħ li kellhom maħżun il-bdiewa kien ġie miġbur biex ir-riservi dgħajfa li kien għad fadal jissaħħu xi ftit.

Il-poplu Malti, mix-*shelters*, mill-kenn tal-blat samm, ma naqasx li jerfa 'l-leħen tiegħu lejn is-Sema u b'imħabba tixgħel ġo qalbu lejn Marija Assunta talab l-għajnuna Tagħha biex hi taqla l-grazzja mingħand il-Mulej u teħilsu mill-flaġell li kien riesaq fuqhom. Fi ftit jiem oħra, forsi ġimgħa, forsi ġimgħatejn, jekk ma jidħlux bastimenti bl-ikel għall-poplu, Malta kellha ċċedi lill-għadu.

Dik l-imħabba tal-poplu tagħna lejn Marija Assunta li San Pawl kien żergħa fostna, ma naqsetx li tagħti l-frott mixtieq. Karba ta' ħniena telgħet mix-*shelters*, mid-djar nofshom imġarfa u mill-knejjes lejn is-Sema u Marija ma nsietx lil uliedha u mill-ġid tagħthom il-grazzja li tant kellhom bżonn.

Mas-sbieħ tal-għodwa tal-15 ta' Awissu 1942, jum il-Festa tat-Tlugħ fis-Sema ta' Santa Marija, erba' bastimenti, nofshom imkissra, dheru quddiem il-Port il-kbir. Qalila kienet it-taqbida ma' l-għadu li kellu jgħamel il-*Convoy* fi trieqtu lejn Malta iżda l-qlubija tal-baħħara xejn ma kienet anqas. Aktar minn nofs il-bastimenti kienu ġew mgħarrqa, iżda bil-għajnuna tas-Sultana tas-Sema, tlett vapuri u *tanker*, l-***Ohio*** waslu bis-sliem.

Il-Maltin bi ħġarhom marru fuq is-swar ixejru u jgħajtu hekk kif il-vapuri wieħed wara l-ieħor, bdew dehlin fil-port. Demgħa ma naqsetx li tiċċarċar fuq ħaddejhom sfajra meta ftakru minn xhiex kien għadda l-*Convoy*. It-*tanker* ***Ohio*** kellu jiġi rmunkat billi kien ġarrab ħsarat kbar mill-ajruplani tal-għadu.

Kienet Santa Marija li għal darb'oħra ħelset lill-Malta mill-qilla ta' l-għadu u waqfet ma wliedha fl-aktar siegħa ta' bżonn.

**Paul J. DeBono**

# FESTA TA' *SANTA MARIJA* – 1984

## RENDIKONT TAL-FESTA FIL-KNISJA

**DĦUL:**

| | |
|---|---|
| Ġbir bl-envelopes bieb bieb | 482.00.0 |
| Offerti fl-envelopes fil-Knisja/Uffiċċju | 111.00.0 |
| Ġabra speċjali fil-Knisja | 98.00.0 |
| Donazzjonijiet diversi | 136.00.0 |
| **Dħul Totali** | 827.00.0 |

**ĦRUĠ:**

| | |
|---|---|
| Personnel barrani | 72.00.0 |
| Orkestra | 322.00.0 |
| Daqq ta' qniepen/Anterni/Standardi/Salib | 39.00.0 |
| Organista | 28.00.0 |
| Dawl: Faċċata tal-Knisja/Kampnar/Koppla | 234.00.0 |
| Fjuri | 25.00.0 |
| **Ħruġ Totali** | 720.00.0 |

| | |
|---|---|
| **Dħul** | 827.00.0 |
| **Ħrug** | 720.00.0 |
| **Bilanċ** | 107.00.0 |
| **Żbilanċ tal-1984** | 82.00.0 |
| **Bilanċ Ġenerali** | 25.00.0 |

# FERĦANIN

**Mużika: Mro. E. Bugeja A.Mus., L.C.M.**
**Versi: Is-Sur Elias Tonna**

F'jum il-Festa mall-Banda miġburin
xjuħ u żgħażagħ magħquda ferħanin
Biex infakkru ġranet mill-aktar sbieħ
Lil Assunta minn qalbna nagħtu ġieħ

Fostna rriduk
Biex inqimuk
Aħna nħobbuk

O Marija gawhra ta' l-Imqabbin
Fik nitgħaxxqu għax biK aħna kburin
Ġejt magħżula biex tkun it-Titular
Int Padruna jixraqlek festi kbar.

# PROGRAMM

# DETTALJAT TA' LOGĦOB TAN-NAR

# TA' L-ART U TA' L-AJRU





**IT-TLIETA, 30 TA' LULJU – FTUĦ TAL-KWINDIĊINA**

10.30 p.m. Ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

**IL-ĠIMGĦA, 9 TA' AWISSU – ĦRUĠ TA' L-ISTATWA**

7.30 p.m. Ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti.
10.30 p.m. Ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

**IL-ĦADD, 11 TA' AWISSU – L-EWWEL TRIDU**

10.00 p.m. Ħruq ta' murtaletti.

**IT-TNEJN, 12 TA' AWISSU – IT-TIENI TRIDU**

10.00 p.m. Ħruq ta' murtaletti.

**IT-TLIETA, 13 TA' AWISSU – L-AĦĦAR TRIDU**

10.00 p.m. Ħruq ta' murtaletti u murtali tal-beraq pront.
10.30 p.m. Ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art quddiem il-Każin.

**L-ERBGĦA, 14 TA' AWISSU – LEJLIET IL-FESTA**

9.00 a.m. Daqq tat-Te Deum. Ħruq ta' kaxxa nfernali u murtaletti.
6.30 p.m. Translazzjoni Ħruq ta' musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti.
10.00 p.m. Ħruq ta' salut, murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur.
11.00 p.m. Wirja kbira ta' logħob tan-nar ta' l-art mekkanizzat u artistiku.

**IL-ĦAMIS, 15 TA' AWISSU – JUM IL-FESTA**

12.00 a.m. Ħruq ta' murtaletti.
7.30 p.m. Mal-ħruġ ta' l-istatwa jiġu sparati salut u kaxa nfernali. Matul il-purċissjoni jkun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxi nfernali, murtaletti, murtali bil-logħob, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.

**N.B.:** In-nar kollu, sew ta' l-art kif ukoll ta' l-ajru huwa xogħol tad-Dilettanti tas-Soċjetà ***Santa Marija***. Il-Kumitat u l-partitarji kollha jirringrazzjawhom tas-sagrifiċċju li għamlu matul is-sena sabiex jipprovdu dan l-ispettaklu.

**Dehra tal-Faċċata Majestuża tal-Każin tas-Soċjetà *King George V.***



BONNICI'S PRESS 36, St Paul Street, Valletta Tel: 24607